**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Dr. Karl Cutajar**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti:

1. Rat ir-rikors ta' **Dr. Karl Cutajar** (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru117687(M)), datat it-22 ta' Mejju 2023, ippreżentat quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 541(3) tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti tat-2 ta' Frar 2023, sabiex ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, "*tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jmexxi l-proċeduri meħtieġa kontra Dr Yanica Barbara Sant u Dr Thomas Barbara Sant, u dan fi żmien qasir u perentorju, dan taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni*"[1];

2. Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha ddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u ddikjarat illi m'hemmx *prima facie* lok għall-kwerela mertu ta' dan il-każ sabiex jinħarġu akkużi kontra Dr. Yanica Barbara Sant u Dr. Thomas Barbara Sant;

[1] Ara a fol. 1 u 2 tal-proċess.

3. Rat in oltre illi r-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u talab lil din il-Qorti sabiex "***tħassar*** *id-deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 11 ta' Mejju 2023 u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jmexxi l-proċeduri meħtieġa kontra Dr Yanica Barbara Sant u Dr Thomas Barbara Sant ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*";

4. Rat in oltre r-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Diċembru 2023, li permezz tagħha, wieġbet illi t-talba fir-rikors għandha tiġi miċħuda u d-deċiżjoni appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2023, fl-ismijiet Dr. Karl Cutajar vs Kummissarju tal-Pulizija għanda tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza miżmuma quddiemha fil-5 ta' Diċembru 2023;

6. Rat in oltre illi dan il-każ ġie assenjat lil din il-Qorti, kif preseduta, mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti nhar is-6 ta' Novembru 2023, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u tal-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9);

7. Rat ukoll id-digriet tagħha tat-8 ta' Lulju 2024, li permezz tiegħu din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tad-deċiżjoni tagħha u rrikjamat il-kawża u dan wara illi qieset illi mill-atti proċesswali ma kienx jirriżulta illi l-kwerela ta' Dr. Karl Cutajar tat-3 ta' Awwissu 2022 ġiet imwettqa minnu bil-ġurament fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali;

8. Semgħet għalhekk ix-xhieda bil-ġurament ta' Dr. Karl Cutajar u tad-Deputat Reġistratur Lorianne Spiteri fl-udjenza tat-28 ta' Awwissu 2024;

9. Rat in oltre dwar dan il-punt issollevat minnha, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Awwissu 2024 u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-istess udjenza tat-28 ta' Awwissu 2024;

10. Rat l-atti proċesswali;

11. Rat illi d-deċiżjoni tinsab differita għal-lum stess.

**Ikkunsidrat:**

12. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali, kif nhar il-21 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti Dr. Karl Cutajar irċieva mingħand il-Kunsill Mediku, ittra reġistrata datata 18 ta' Mejju 2021, rigward żewġ ilmenti li kienet ressqet Dr. Yanica Barbara Sant fil-konfront tiegħu. Ma' din l-ittra, kien hemm annessi żewġ ittri datati 18 ta' Frar 2021, mibgħuta lill-Kunsill Mediku minn Dr. Yanica Barbara Sant u ffirmati minnha, kif ukoll żewġ dokumenti oħra intestati 'Affidavit' u ffirmati minn Dr. Yanica Barbara Sant u Dr. Thomas Barbara Sant, liema dokumenti ġew riċevuti mill-Kunsill Mediku nhar il-5 ta' April 2021 u nhar it-13 ta' Mejju 2021 rispettivament.

13. Jirriżulta wkoll kif nhar it-3 ta' Awwissu 2022, il-konsulenti legali tar-rikorrenti bagħtu, għan-nom tal-istess rikorrenti Dr. Karl Cutajar, kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex "*il-Pulizija Eżekuttiva ... tieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji inkluż li tinvestiga dan il-każ u, jekk jirriżulta ksur ta' liġi, tieħu dawk il-passi meħtieġa skont il-liġi kontra l-avukati Dr Yanica Barbara Sant u żewġha Dr Thomas Barbara Sant ...*"[2] u dan għaliex allegatament huma wettqu r-reati ravviżati fl-Artikoli 84, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Dan hekk kif skont l-istess rikorrenti, id-dokumenti ntestati 'Affidavit' kienu jikkontjenu l-kliem "*Jien hawn taħt iffirmata, Yanica Barbara Sant, ... niddikjara u bil-ġurament tiegħi nikkonferma*", liema ġurament, skont l-istess rikorrenti ngħata lil Dr. Yanica Barbara Sant minn żewġha, Dr. Thomas Barbara Sant, meta dan ma kienx awtorizzat bil-liġi sabiex jagħti l-ġurament. Skont l-istess rikorrenti, il-konjuġi Barbara Sant, fl-istess dokumenti, iċċitaw indirizz sabiex jagħtu x'jifhem illi dan kien l-indirizz tal-uffiċċju ta' Dr. Thomas Barbara Sant, fejn ġie mogħti l-istess ġurament, liema indirizz madankollu, kien dak ta' garaxx għaż-żamma ta' vetturi, li ma jintużax bħala uffiċċju tant illi lanqas ma kellu provvista ta' elettriku, oltre illi

[2] Ara l-kwerela, a fol. 3 *et seq* tal-proċess.

dokumenti mill-Awtorita` tal-Ippjanar kienu juru illi kienu saru żewġ applikazzjonijiet mal-istess Awtorita`: waħda sabiex il-garaxx jiġi demolit u minfloku jinbnew garaxx u *maisonette* u oħra sabiex ikun hemm *change of use* minn garaxx għal uffiċċju, b'dan għalhekk, skont ir-rikorrenti, illi dan il-fond ċertament illi ma kienx jintuża bħala uffiċċju minn Dr. Thomas Barbara Sant.

14. Skont l-istess kwerela, għalhekk, la darba Dr. Yanica Barbara Sant issottomettiet dawn id-dokumenti sabiex iservu bħala lmenti kontra l-kwerelant quddiem il-Kunsill Mediku, hija għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz lill-awtorita` pubblika fit-termini tal-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, u għamlet falsifikazzjoni jew xjentement għamlet użu minn dokument falsifikat fit-termini tal-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt illi l-avukat Dr. Thomas Barbara Sant, oltre illi għamel huwa wkoll dikjarazzjoni falza jew stqarrija falza fit-termini tal-imsemmi Artikolu 188, u għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument falsifikat fit-termini tal-imsemmi Artikolu 189, eżerċita wkoll funzjonijiet pubbliċi bla jedd, fit-termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali.

15. Illi jirrizulta wkoll kif il-Pulizija Eżekuttiva ma ħaditx azzjoni wara l-kwerela tar-rikorrenti fil-konfront ta' Dr. Yanica Barbara Sant u Dr. Thomas Barbara Sant u għalhekk nhar it-2 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat rikors minn Dr. Karl Cutajar fit-termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jmexxi l-proċeduri meħtieġa kontra l-imsemmija konjuġi Barbara Sant. Da parti tiegħu, l-Ispettur Roderick Agius, f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija, wieġeb kif l-investigazzjonijiet dwar il-każ kienu għadhom għaddejjin, kif ukoll illi f'dak l-istadju, ma kienx hemm bażi għal teħid ta' azzjoni kriminali fil-konfront ta' Dr. Yanica Barbara Sant u Dr. Thomas Barbara Sant, in kwantu fil-fehma tal-Pulizija Eżekuttiva, dan ma kienx każ ta' stqarrija falza jew ta' dokument iffalsifikat, u illi ma kienx hemm il-prova illi l-kontenut tal-affidavit kien falz.

16. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, qieset kif ma kienx hemm *prima*

*facie* lok għal azzjoni kriminali fil-konfront tal-konjuġi Barbara Sant. Dan għaliex ġjaladarba l-'Affidavits' ippreżentati lill-Kunsill Mediku nhar il-5 ta' April 2021 u nhar it-13 ta' Mejju 2021 kienu jippekkaw fil-formalitajiet li trid il-liġi, u allura ma kinux validi bħala 'Affidavits', ma setax jingħad f'dak l-istadju tal-proċeduri illi Dr. Yanica Barbara Sant għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz. Kien il-kompitu tal-Kunsill Mediku illi jara li dawn id-dokument kif ippreżentati minn Dr. Yanica Barbara Sant kinux preżentati skont ir-regolamenti tal-Kunsill Mediku u kien ukoll il-kompitu tiegħu illi jirrifjuta jew jaċċetta li jipproċedi bl-ilment tal-istess Dr. Yanica Barbara Sant fil-konfront tal-kwerelant a bażi ta' dokumenti illi ma kinux konformi ma' dak mitlub mil-linji gwida tal-istess Kunsill Mediku. L-Ewwel Qorti qieset ukoll l-aġir tal-konjuġi Barbara Sant bħala riżultat ta' misinformazzjoni mogħtija mir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku, Arthur Camilleri. In kwantu għall-fatt li Dr. Thomas Barbara Sant ma kellux is-setgħa li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti qieset kif l-istess Dr. Thomas Barbara Sant ma għamel l-ebda dikjarazzjoni fuq l-istess dokumenti illi dawn ġew maħlufa quddiemu. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti qieset illi ma kienx hemm bażi sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa.

17. Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu, l-istess Qorti għamlet enunżjazzjoni żbaljata tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi prodotti, u dan hekk kif spjegat fid-dettal fl-istess rikors.

**Ikkunsidrat ukoll:**

18. Illi qabel xejn, jibda biex jingħad illi l-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta

> jinħtieġ, tisma'l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:
>
> Iżda, ir-rikorrent għandu, qabel xejn ma t-talba tiegħu titmexxa 'l quddiem, iwettaq bil-ġurament id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela, u jobbliga ruħu, taħt penali, f'somma li tiffissa l-qorti, li jagħti fil-kawża, jekk ikun imsejjaħ, ix-xiehda tiegħu, inkella li jagħti dawk il-provi li jkollu f'idejh illi bihom l-imputat ikun jista' jinsab ħati:

19. Illi għalhekk qabel il-proċeduri fil-każ ta' sfida jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem, ir-rikorrenti għandu qabel xejn jikkonferma bil-ġurament tiegħu, id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela, oltre illi jobbliga ruħu, taħt penali f'somma illi tiffissa l-Qorti, illi jekk imsejjaħ, huwa jagħti x-xhieda tiegħu fil-kawża, jew li jagħti dawk il-provi li huwa jkollu f'idejh u illi bihom l-imputat jew il-kwerelat ikun jista' jinstab ħati. Mill-atti proċesswali f'dan il-każ, jirriżulta illi wara illi r-rikorrenti Dr. Karl Cutajar intavola r-rikors tiegħu nhar it-2 ta' Frar 2023, fit-termini tal-Artikolu 541(1) fuq ċitat, l-Ewwel Qorti għaddiet għal digriet datat 3 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu, ordnat lir-rikorrenti Dr. Karl Cutajar sabiex fi żmien ħamest ijiem, jikkonferma u jwettaq bil-gurament tiegħu l-kwerela, u jobbliga ruħu, taħt penali ta' ħames mitt ewro (€500) illi jagħti fil-kawża, jekk ikun imsejjaħ, ix-xhieda tiegħu, inkella li jagħti dawk il-provi li jkollu f'idejh illi bihom l-imputati jkunu jistgħu jinstabu ħatja, skont il-liġi.[3]

20. Jirriżulta in oltre illi nhar is-6 ta' Frar 2023, l-istess rikorrenti obbliga ruħu bil-mod indikat[4], għalkemm jidher illi bi żvista dan id-dokument ma ġiex iffirmat mid-Deputat Reġistratur Lorianne Spiteri, li quddiemha ġiet iffirmatha din l-obbligazzjoni. Mill-atti quddiem l-Ewwel Qorti, madankollu, ma jirriżultax illi l-istess rikorrenti ħalef il-kwerela tiegħu bil-ġurament skont il-liġi.

[3] Ara a fol. 24 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 25 tal-proċess.

21. Jirriżulta madankollu, mix-xhieda tar-rikorrenti Dr. Karl Cutajar quddiem din il-Qorti illi huwa kien mar il-Qorti, fit-tielet sular, sabiex jieħu ġurament u illi ħalef li *"dak li jiena ippreżentajt fiċ-challenge huwa veru"*. Il-Qorti tinnota illi mal-isfida in kwistjoni ġiet annessa wkoll il-kwerela tar-rikorrenti lill-Kummissarju tal-Pulizija. Da parti tagħha, id-Deputat Reġistratur Lorianne Spiteri tixhed illi hija bagħtet għar-rikorrenti fis-sigrieta, fit-tielet sular tal-binja tal-Qorti, u tatu l-ġurament, kif ukoll illi għalkemm fuq id-dokument tal-garanzija ffirmat mir-rikorrenti, imkien m'hemm indikat illi huwa kien qed jingħata l-ġurament, la darba hija timla' dan id-dokument, hija tkun tagħtu l-ġurament ukoll. Ikkonfermat ukoll illi dakinhar ir-rikorrenti kien ingħata l-ġurament.

22. Din il-Qorti tqis illi tista' tistrieħ fuq din ix-xhieda bħala prova tal-fatt illi r-rikorrenti ngħata l-ġurament fuq il-kwerla fit-termini ta' dak li jipprovdi l-proviso tal-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali. Biss ma tistax ukoll ma tirrimarkax illi ċertament m'hijiex prassi tajba jew xierqa illi wieħed jingħata ġurament fuq il-kwerela tiegħu, mingħajr dan ma jiġi indikat b'mod ċar fl-atti proċesswali; rekwiżit dan illi wara kollox tridu l-liġi u illi għalhekk għandu jirriżulta b'mod ċar mill-atti proċesswali b'tali mod illi ma jkunx hemm lok għal dubji hekk kif ġara f'dan il-każ u lanqas ta' proċeduri żejda permezz tas-smigħ tax-xhieda sabiex jiġi stabbilit fatt illi kellu jirriżulta immedjatament mill-atti, mingħajr ħafna ħela ta' ħin.

23. Sorvolata din il-kwistjoni preliminari, il-Qorti tqis illi l-irwol tagħha f'dan l-istadju huwa dak li tissindika d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk illi tiddetermina jekk dik il-Qorti setgħetx leġittimament u raġonevolment, fid-dawl tal-provi preżentati lilha, tasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm *prima facie* lok li tittieħed azzjoni kriminali fil-konfront tal-konjuġi Dr. Yanica Barbara Sant u Dr. Thomas Barbara Sant għar-reati li fir-rigward tagħhom saret il-kwerela ta' Dr. Karl Cutajar.

24. Fir-rigward tat-tifsira tal-grad ta' *prima facie* li jrid jintlaħaq sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bażi o meno għall-prosegwiment tal-azzjoni penali fil-konfront tal-kwerelat jew denunzjat, din il-Qorti tqis illi l-pronunzjamenti f'dan ir-rigward huma kopjużi, b'uħud minn dawn id-deċiżjonijiet ikunu riprodotti kemm fid-deċiżjoni

appellata, kif ukoll fir-rikors tar-rikorrenti kif magħmul fit-termini tal-Artikolu 541(3) tal-Kodiċi Kriminali. Hekk fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Anthony Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** tat-23 ta' Settembru 2010, il-Qorti Kriminali qieset kif minn analiżi tal-ġurisprudenza Maltija jirriżulta kif għal dak li għandu x'jaqsam mal-grad tal-*prima facie* donnhom il-Qrati tagħna sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u għalhekk "*jekk il-Maġistrat jidhirlu illi l-provi miġbura quddiemu jistħoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa biżżejjed sabiex il-grad tal-prima facie jiġi milħuq u l-kawza tkun tista' titkompla.*" Sabiex l-azzjoni kriminali tkompli miexja, l-eżerċizzju tal-Qorti m'għandux jinvolvi l-applikazzjoni tal-prinċipji u regoli enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, "*x'temmen jew lil min temmen. Il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz kien sempliciment li tara jekk kienx hemm kaz prima facie, l-istess grad ta' prova, cioe`, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuża*", u dan kif ingħad mill-Qorti Kriminali fil-każ fl-ismijiet **Carmel u Helen konjuġi Galea vs Kummissarju tal-Pulizija** tad-19 ta' Awwissu 2004. Jingħad ukoll kif sempliċi suspett ma jikkostitwixxix raġuni biżżejjed sabiex jiġi deċiż li hemm *a case to answer*.

25. Hawnhekk issir referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Struttorja fis-16 ta' Lulju 1981, fl-ismijiet **The Police (Inspector John Suda) vs Alfred John Gaul**, li għamlet referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kanadiża fil-każ **R. v. Latta** tal-1961 dwar ir-responsabilita` tal-Maġistrat fl-għeluq tal-kumpilazzjoni u meta għalhekk jasal sabiex jiddeċiedi jekk ikunx hemm *a case to answer* fuq bażi *prima facie*:

> "he must do more than decide that there is evidence for a jury to consider. In order to commit for trial, the evidence must be such as to cause him to form the opinion that the accused is probably guilty; if he has any doubt he must commit for trial. If there is no or insufficient evidence he must discharge the accused, but before doing so he must satisfy himself beyond all probabilities and be careful not to usurp the jury's functions and not to deal with the preponderance of evidence. If the evidence is such that,

if presiding at a jury trial, he would direct a verdict of not guilty he must discharge the accused."

26. In oltre fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs L-Avukat Ġenerali** ingħad hekk dwar l-irwol tal-Qorti Istruttorja fid-deċiżjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali u fuq il-grad ta' *prima facie* li abbażi tiegħu għandha tiddeċiedi:

> "Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat ...

27. Illi kif ingħad iktar 'il fuq, ir-rikors tar-rikorrent Dr. Karl Cutajar magħmul ai termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali jittratta r-reati kkontemplati fl-Artikolu 84, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali.

28. Din il-Qorti se tqis l-imsemmija artikoli tal-liġi wieħed wieħed b'rabta mal-istħarriġ li ġiet mitluba tagħmel ai termini tal-Artikolu 541(3) tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> FUQ MIN JEŻERĊITA FUNZJONIJIET BLA JEDD
>
> 84. Kull min jieħu f'idejh xi funzjoni pubblika, sew ċivili jew militari, mingħajr ma jkollu jedd għaliha, u jeżerċita xi att ta' dik il-funzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.

29. Dak ikkontemplat fl-Artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali joħloq reat f'sitwazzjoni fejn persuna, għad li ma jkollhiex is-setgħa li teżerċita funzjoni pubblika, tieħu f'idejha din il-funzjoni u teżerċita xi att ta' dik il-funzjoni mingħajr jedd. Għaldaqstant, sabiex ikun jirriżulta fuq livell ta' *prima facie* li hemm bażi għall-prosegwiment ta' azzjoni kriminali ai termini ta' dak dispost fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali, ikun suffiċjenti li din il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi probabbilment jew ftit inqas minn hekk (iżda mhux possibbilment jew fuq bażi ta' suspett) hemm *a probable case to answer* da parti ta' Dr. Thomas Barbara Sant meta huwa ffirma u ttimbra ż-żewg dokumenti ndikati bħala 'Affidavits', datati l-5 ta' April 2021 u t-13 ta' Mejju 2021 rispettivament.

30. Illi fir-rigward ir-rikorrenti jsostni illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li wassal għal enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi meta rriteniet illi fil-każ ta' Dr. Thomas Barbara Sant kien ikun każ ta' falsita` jew abbuż mill-posizzjoni tiegħu li kieku uża t-timbru li jgħid illi huwa *Commissioner for Oaths*, meta fil-fatt m'huwiex. Skont ir-rikorrenti, Dr. Thomas Barbara Sant kien konxju mill-fatt illi huwa m'huwiex awtorizzat skont il-liġi, li jagħti l-ġurament u b'hekk jirrendi dokument bħala affidavit u għalkemm ma kitibx illi huwa *Commissioner for Oaths* fuq l-imsemmija dokumenti, tali dokumenti ġew *engineered* b'tali mod illi jagħtu x'jifhem illi huwa awtorizzat bħala *Commissioner for Oaths*. Dr. Thomas Barbara Sant ffirma u għamel it-timbru tiegħu fuq żewġ dokumenti intestati 'Affidavit' u mhux fuq kull dokument kwalsiasi u kien ben konsapevoli għaliex kienu se jintużaw u fil-fatt il-

Kunsill Mediku ma ndunax bl-illegalita` ta' dawn id-dokument, tant illi bdiet inkjesta fil-konfront tar-rikorrenti abbażi tagħhom. Fil-fehma tar-rikorrenti, dan jammonta għal dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tagħrif falz. Ir-rikorrenti jżid illi l-indirizz fuq it-timbru ta' Dr. Thomas Barbara Sant, kien dak iż-żmien, indirizz ta' garaxx għaż-żamma ta' għodod u vetturi, li ma kienx supplit bil-provvista tad-dawl. Ikompli r-rikorrenti illi d-dokumenti in kwistjoni ġew *engineered* b'tali mod li wieħed jifhem li dan l-indirizz huwa l-indirizz tal-uffiċju legali fejn ġie amministrat il-ġurament minn Dr. Thomas Barbara Sant lil Dr. Yanica Barbara Sant. Skont l-istess rikorrenti, li kieku Dr. Thomas Barbara Sant ikkwota l-indirizz matrimonjali tiegħu, dan kien se jqanqal suspett mal-Kunsill Mediku dwar il-legalita` taż-żewġ dokumenti u għalhekk, jgħid ir-rikorrenti, l-użu tal-indirizz tal-garaxx sar xjentement bl-iskop ewlieni li jidher aktar formali.

31. Illi fir-rigward din il-Qorti tqis illi mid-dokument intestat 'Affidavit', riċevut mill-Kunsill Mediku nhar il-5 ta' April 2021, jirriżultaw il-kliem "*Jien hawn taħt iffirmata, Yanica Barbara Sant ... niddikjara u bil-ġurament tiegħi nikkonferma*:", u taħt nett il-kliem "*Yanica Barbara Sant*" bin-numru tal-karta tal-identita` tagħha u l-firma tagħha. Ftit iżjed 'l isfel tidher il-firma ta' Dr. Thomas Barbara Sant, b'timbru taħt l-istess firma, li jġib il-kliem "*Dr. Thomas Barbara Sant LL.D. (Melit.),* taħt *Lawyer*, u taħt l-indirizz 77, Triq Dun Marju, Qormi QMR 1209 Malta. Ħdejn il-firma tal-istess Dr. Thomas Barbara Sant ġiet miktuba d-data 26/03/2021. L-istess jirriżulta mid-dokument attestat bħala 'Affidavit' u riċevut mill-Kunsill Mediku nhar it-13 ta' Mejju 2021, b'dan illi stante illi dan id-dokument jikkonsisti minn żewġ paġni, apparti li fl-aħħar paġna jidhru l-istess dettalji li jidhru fl-'Affidavit' tal-5 ta' April 2021, iżda mingħajr data ħdejn il-firma ta' Dr. Thomas Barbara Sant, fl-ewwel paġna tad-dokument ukoll jidhru l-firma ta' Dr. Yanica Barbara Sant u l-istess timbru ta' Dr. Thomas Barbara Sant, bil-firma tiegħu fil-ġenb tat-timbru.

32. Din il-Qorti tqis ukoll illi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

*Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

33. Bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tqis illi minn imkien minn dawn id-dokumenti ma jirriżulta illi Dr. Thomas Barbara Sant amministra l-ġurament lil martu, jew illi għamilha ta' Kummissjunarju li quddiemu ġie meħud il-ġurament ta' martu jew magħmul affidavit, u dan hekk kif minn imkien ma jirriżulta dan il-kliem, kif lanqas ma jirriżulta illi l-lok tal-indirizz u d-data indikata f'wieħed minn dawn id-dokumenti, kienu l-lok jew id-data illi fihom huwa amministra l-istess ġurament lil martu jew sar l-affidavit. Li kieku kien il-każ illi l-istess avukat uża kliem fis-sens illi huwa kien qed jamministra l-ġurament lil martu, jew illi kien Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament, meta dan ma kellux is-setgħa illi jamministra ġuramenti, allura r-rikorrenti kwerelant kien ikollu raġun, iżda ma jirriżultax lanqas fuq bażi *prima facie* illi dan kien il-każ. Il-fatt illi l-istess Dr. Thomas Barbara Sant uża indirizz ta' garaxx fit-timbru tiegħu, minflok l-indirizz tad-dar residenzjali, ma jnaqqas xejn minn dan kollu, stante illi minn imkien ma jirriżulta illi huwa amministra l-ġurament lil martu ġewwa dan il-fond, u jibqgħu biss konġetturi u suspetti bla bażi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi huwa uża dan l-indirizz sabiex iqarraq bil-Kunsill Mediku, jew illi dan sar bl-iskop illi l-indirizz fuq it-timbru tiegħu jidher iżjed formali minn dak tar-residenza tiegħu sabiex iqarraq bl-istess Kunsill. Dan wara kollox jirrikonoxxih ir-rikorrenti fir-rikors tiegħu, meta jispeċifika illi Dr. Yanica Barbara Sant fir-realta` ma ħadet l-ebda ġurament. Lanqas il-fatt illi r-Reġistratur tal-Kunsill Mediku seta' ġie żgwidat billi ħaseb illi dawn id-dokumenti kienu jammontaw għal affidavits skont il-liġi, ma jfisser illi Dr. Thomas Barbara Sant użurpa xi funzjoni pubblika meta huwa ma kellux jedd għaliha u dan minn ħarsa sempliċi lejn l-istess dokumenti li bl-ebda mod ma jindikaw illi huwa kien amministra l-ġurament lil martu. F'dan is-sens allura lanqas ma jista' jingħad illi jirriżulta *prima facie* illi Dr. Thomas Barbara Sant għamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz, fit-termini tal-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali.

34. Illi wkoll bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti m'hijiex se tidħol fil-mertu dwar jekk il-kontenut tal-'Affidavits' għandux mill-falz u dan

stante illi dan mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti jew tal-Ewwel Qorti qabilha, hekk kif l-isfida interposta mir-rikorrenti, kif bażata fuq il-kwerela tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija, m’hijiex dwar il-veraċita` o meno tal-kontenut ta’ dawn id-dokumenti, iżda sempliċiment fuq l-intestatura tal-istess dokumenti u ċioe` l-kelma ‘Affidavit’, kif ukoll in kwantu l-kliem użat fl-istess dokumenti minn Dr. Yanica Barbara Sant meta din tgħid “*niddikjara u bil-ġurament tiegħi nikkonferma*”.

35. Illi huwa evidenti għal din il-Qorti, kif kien ukoll evidenti għall-Ewwel Qorti qabilha, illi minkejja l-instestatura ta’ dawn id-dokumenti, sa l-istadju illi Dr. Yanica Barbara Sant ippreżentathom lill-Kunsill Mediku fil-5 ta’ April 2021 u fit-13 ta’ Mejju 2021 rispettivament, dawn fl-ebda waqt ma kienu kkonfermati bil-ġurament u kienu jippekkaw fil-formalitijatiet li trid il-liġi sabiex setgħu jiġu meqjusa bħala affidavits, b’dan għalhekk illi l-istess dokumenti baqgħu sempliċiment dikjarazzjonijiet tal-istess Dr. Yanica Barbara Sant.

36. Ir-rikorrenti jattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti *inter alia* għaliex fil-fehma tiegħu din ikkontradixxiet ruħha meta fl-ewwel lok, qieset illi l-kontenut tad-dokumenti intestati ‘Affidavit’ ma kinux ġew ikkonfermati bil-ġurament minn Dr. Yanica Barbara Sant, fil-waqt illi kompliet illi “*izda f’dan l-istadju f’din il-procedura ta’ Sfida, ma’ jistghax jinghad lanqas illi Dr Yanica Barbara Sant ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz*”. Din il-Qorti tqis madankollu illi l-Ewwel Qorti spjegat ir-raġunijiet tagħha għal din il-konklużjoni fil-paragrafi ta’ wara tad-deċiżjoni tagħha.

37. Illi jibda biex jingħad illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi biex isir ilment quddiem il-Kunsill Mediku, il-proċeduri fiż-żmien in kwistjoni ossia fiż-żmien meta Dr. Yanica Barbara Sant għamlet l-ilment tagħha fil-konfront tar-rikorrenti, kienet dik adoperata skont il-linji gwida tal-Kunsill Mediku ta’ Mejju 2014, intitolati *Guidance on How to Lodge a Complaint with the Medical Council Malta*, li jinsabu esebiti bħala Dok. RA 1, a fol. 36 *et seq* tal-atti proċesswali. Mill-Artikolu 2 tal-istess linji gwida jirriżulta s-segwenti:

*(a) Any person may submit a complaint about a medical or a dental practitioner to the Medical Council in writing, or by*

*sending an email to the Registrar of the Council on medicalcouncil@gov.mt.*

(b) *An email to the Medical Council has to be followed by a signed letter of complaint addressed to 'The Registrar, Medical Council, St. Luke's Hospital, Outpatients' Department, Level 1, St. Luke's Square, Gwardamangia, PTA 1010'.*

(c) *If the Medical Council deems that the complaint warrants further investigation, the complainant will be asked to confirm his/her complaint on oath and to tender his/her evidence against the medical or dental practitioner against whom a complaint has been made.*

(d) *All witnesses, including the complainants and the accused, will be required to testify under oath and asked to appear during proceedings if an inquiry is warranted.*

38. In oltre, l-Artikolu 5 li jittratta x'jiġri wara illi l-Kunsill Mediku jirċievi lment jgħid hekk:

(a) *When the Medical Council receives a complaint it will consider during its ordinary meeting the merits of the case and decide on whether to investigate further.*

(b) *The medical or dental practitioner against whom the complaint has been lodged will be informed and sent a copy of the complaint received by the Medical Council, and will also be requested to submit their version of events.*

(c) *The medical or dental practitioner's version of events will be copied to the complainant.*

(d) *After considering both version of events, the Medical Council will then decide on whether to launch an inquiry.*

39. Tenut kont tas-suespost, u l-provi proċesswali, jirriżulta illi nhar is-17 ta' Frar 2021, Dr. Yanica Barbara Sant bagħtet *email* lill-Kunsill Mediku bl-

ilment tagħha fil-konfront tar-rikorrenti[5] u dan fit-termini tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 2 tal-linji gwida fuq ċitati. Dakinhar stess Arthur Camilleri, Reġistratur tal-Kunsill Mediku, wieġeb lil Dr. Yanica Barbara Sant fis-sens illi:

> *As per attached guidelines, kindly note that an email complaint sent to the Medical Council has to be followed by a signed letter of complaint addressed to 'The Registrar, Medical Council, St. Luke's Hospital, Outpatients' Department, Level 1, St. Luke's Square, Gwardamangia, PTA 1010'.*[6]

40. Dan ifisser illi l-kwerelata kellha ssegwi l-ilment tagħha b'ittra bl-istess ilment, iffirmat minnha, kif fil-fatt għamlet b'żewġ ittri indirizzati lill-Kunsill Mediku u ffirmati minnha, datati 18 ta' Frar 2021, biż-żewġ ilmenti tagħha fil-konfront tar-rikorrenti.[7]

41. Sussegwentement, skont il-paragrafu (ċ) tat-tieni artikolu tal-linji gwida fuq ċitati, la darba l-Kunsill Mediku ddeċieda illi l-ilmenti tagħha kien jistħoqqilhom iżjed investigazzjoni, hija kellha tikkonferma l-ilmenti tagħha bil-ġurament. Il-fatt illi ġie deċiż illi l-ilmenti ta' Dr. Yanica Barbara Sant kien jistħoqqilhom iżjed investigazzjoni, jirriżulta ċar kemm mill-fatt illi nhar il-21 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti rċieva ittra mill-Kunsill Mediku bl-ilmenti ta' Dr. Yanica Barbara Sant, permezz ta' liema ittra huwa ġie mitlub sabiex iwieġeb għall-istess fi żmien għoxrin jum, u dan skont il-ħames artikolu tal-linji gwida fuq ċitat, kif ukoll mill-fatt illi nhar id-9 ta' Settembru 2021, inżammet seduta quddiem il-Kunsill Mediku, fejn Dr. Yanica Barbara Sant tat ix-xhieda tagħha fir-rigward tal-istess ilmenti, b'dan għalhekk illi l-inkjesta a bażi ta' dawn l-ilmenti, inbdiet fit-termini tat-tieni u l-ħames artikoli tal-linji gwida. Il-fatt illi l-Kunsill Mediku ddeċieda illi l-ilmenti in kwistjoni kien ħaqqhom iżjed investigazzjoni u illi nbdiet l-inkjesta jirriżulta wkoll mix-xhieda tar-Reġistratur tal-Kunsill Mediku, Arthur Camilleri, quddiem l-Ewwel Qorti.

42. Wara l-ittri tagħha datati 18 ta' Frar 2021, Dr. Yanica Barbara Sant kellha ssegwi tali ittri billi tikkonferma l-ilmenti tagħha fil-konfront tar-

[5] Ara a fol. 51 u 52 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 51 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 11 sa 15 tal-proċess u a fol. 101 sa 105 tal-proċess.

rikorrenti bil-ġurament, skont il-paragrafu (ċ) tat-tieni artikolu tal-linji gwida.

43. Jirriżulta hekk mill-*email* li bagħat Arthur Camilleri lill-istess Dr. Yanica Barbara Sant datata 16 ta' Novembru 2021, u allura wara illi l-inkjesta nbdiet, wara *email* lilu da parti tagħha fejn tistaqsih x'kellu jsegwi wara l-ilment tagħha b'ittra reġistrata:

> *The way complaints are lodged with the Medical Council is outlined in the document found on the Council's website entitled 'Gudiance on how to lodge a complaint with the Medical Council'. This document was first launched in May 2014 and was recently updated in October 2021. Your complaint was of course subject to the May 2014 version (here attached for ease of reference).*
>
> *At the time you filed your complaint the Medical Council's policy was that it first asks for the complaint to be signed by the complainant. As asked of you, you had first sent us a signed complaint.*
>
> *Following this first step, the Council evaluated your complaint and asked for a declaration on oath only when it deemed that the case merited further investigation and an inquiry was to be launched. ...*
>
> *In your case, the inquiry was then launched based on the complaint you filed in signed by a lawyer as was the norm with Inquiries before the recent update to our guidance document.*[8]

44. In oltre b'*email* oħra tal-14 ta' April 2022, Dr. Yanica Barbara Sant tikteb hekk lil Arthur Camilleri:

> ...
>
> *In addition, in response to the allegations put forward by Dr Cutajar and his legal representatives relating to the fact that my initial complaint to The Medical Council was not given under*

[8] Ara a fol. 50 tal-proċess.

> *oath, you had confirmed at the time no such requirement was required, and that it was only after I have filed my complaint that there have been changes to the requirements. Thus, the new requirement of having to lodge a complaint confirmed under Oath, was not applicable to my case.*[9]

Għal din l-*email*, b'*email* oħra tal-istess data, Arthur Camilleri iwieġeb hekk dwar dan il-punt:

> *I recall that we had spoken over the phone regarding the submission of the complaint which had to be signed by a lawyer as was the norm with Inquiries before the October update to our guidance document on how to lodge a complaint. I feel duty bound to acknowledge that I only told you that the complaint had to be signed by a lawyer.*[10] [sottolinear tal-Qorti]

Din l-*email* ta' Arthur Camilleri ntbagħet ukoll wara *email* oħra, din id-darba ta' Dr. Thomas Barbara Sant, ukoll datata 14 ta' April 2022, fejn wara l-*email* ta' martu, huwa jistaqsi hekk lil Arthur Camilleri:

> In relation to the below email sent today by Dr Yanica Barbara Sant, [ossia l-*email* ċitatat iżjed 'il fuq f'dan il-paragrafu] I would also like to clarify that at the time it was instructed by your goodself that such complaint had to be merely witnessed by someone, and that someone could also be myself and no oath was required. In fact, the way how we proceeded with the submission of the complaint was that I would sign as a witness to the facts as submitted by Dr Yanica Barbara Sant. Could you also confirm this? Thanks.[11]

45. Minn dan kollu din il-Qorti tislet illi għalkemm il-linji gwida fuq ċitati jagħmluha ċara illi sabiex il-Kunsill Mediku seta' jkompli jinvestiga l-ilment, kien neċessarju illi Dr. Yanica Barbara Sant tikkonferma l-ilmenti tagħha bil-ġurament – fatt dan illi kellha tkun tafu mill-istess linji gwida u skont l-*email* tas-16 ta' Novembru 2021 ta' Arthur Camilleri, jista' jkun li f'xi punt intqal lilha wkoll f'xi forma jew oħra għalkemm mhux

[9] A fol. 57 tal-atti proċesswali.
[10] A fol. 56 tal-proċess.
[11] A fol. 56 tal-proċess.

neċessarjament b'mod ċar – biss l-istess Arthur Camilleri evidentement żgwida lil Dr. Yanica Barbara Sant meta qalilha illi kien suffiċjenti illi l-ilmenti tagħha jiġu ffirmati minn avukat! Minkejja li fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, Arthur Camilleri jinsisti illi fl-*email* tiegħu tas-16 ta' Novembru 2021, huwa jgħid illi għamilha ċara illi d-dikjarazzjoni tagħha kellha tkun waħda ġuramentata, u verament ukoll illi jsemmi din id-dikjarazzjoni fl-istess *email,* fl-istess nifs u fl-istess *email* jgħidilha wkoll illi l-inkjesta tagħha nbdiet fuq l-ilment intavolat minnha u ffirmat minn avukat "*kif kienet in-norma dak iż-żmien*". Iżjed kruċjali minn hekk fl-*email* tiegħu tal-14 ta' April 2022, huwa jirrikonoxxi wkoll illi kien qalilha **biss** illi l-ilment tagħha kellu jkun iffirmat minn avukat.

46. Għal din il-Qorti huwa evidenti illi l-imsemmi Reġistratur ma kienx qed jagħraf jiddistingwi bejn dikjarazzjoni ġuramentata jew affidavit u dikjarazzjoni ffirmata biss minn avukat, li ċertament ma tammontax għal waħda ġuramentata meta ma ssegwix, oltre l-firma tal-avukat, il-formalitajiet li trid il-liġi sabiex tammonta għal dikjarazzjoni ġuramentata jew affidavit. Dan huwa evidenti wkoll mill-*emails* fuq ċitati, fejn skont l-istess Reġistratur, skont in-norma dak iż-żmien, l-inkjesta ta' Dr. Yanica Barbara Sant bdiet a bażi tal-ilment tagħha iffirmat minn avukat "*as was the norm with Inquiries before the recent update to our guidance document*", li ċertament ma kienx il-każ, għaliex skont il-linji gwida tas-sena 2014, inkjesta kienet tinbeda wara li l-ilment jiġi ġuramentat. Dan huwa wkoll evidenti mix-xhieda tal-istess Arthur Camilleri quddiem l-Ewwel Qorti, meta jingħad hekk:

> Spettur: Inti bhala registratur taf x'hemm differenza bejn dokument iffirmat minn avukat u dokument bhal affidavit?
>
> Xhud: Dik li ma kienitx car sfortunatament.
>
> Qorti: Le mhux hekk kienet il-mistoqsija. Inti tafx id-differenza. Inti taf id-differenza bejn dokument iffirmat u mahluf u quddiem commissioner of oaths jew dokument iffirmat minn xi hadd komuni? Ghax ma tistax tghidlu mahluf. Ghax jekk ma jkunx commissioner of oaths ma jkunx mahluf. Taf x'inhi d-differenza?
>
> Xhud: Id-differenza hi li ma jkunx under oath.

> Qorti: Sewwa jigifieri f'dan il-kuntest ghall-kunsill, l-affidavit tas-sinjura huwa skond il-ligi? Under oath, iva jew le il-complaint?
>
> Xhud: Jekk, <u>issa tghallimt</u>, jekk l-avukat hu of oaths iva. [sottolinear tal-Qorti]

47. Fid-dawl tas-suespost, allura, din il-Qorti tqis illi jirriżulta illi kien l-istess Arthur Camilleri li ta lok għan-nuqqas ta' Dr. Yanica Barbara Sant illi tippreżenta dikjarazzjoni ġuramentata, meta kien huwa stess li żgwidaha u qalilha illi kien suffiċjenti illi l-ilment tagħha jkun iffirmat minn avukat u dan f'kuntest fejn l-istess Camilleri evidentement ma kienx jaf illi sabiex avukat ikun f'posizzjoni li jagħti ġurament fuq dokument, huwa kellu jkollu s-setgħa illi jagħti l-ġuramenti.

48. L-Avukat Dr. Yanica Barbara Sant baqgħet ma ppreżentatx dikjarazzjoni ġuramentata jew affidavit la darba l-Kunsill Mediku ddeċieda li jkompli jinvestiga l-ilment tagħha, kif kellha tagħmel skont il-linji gwida tas-sena 2014. Iżda dan in-nuqqas tagħha ma kienx dovut għajr għal mod li bih ġiet żgwidata mir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku. Kien f'dan is-sens illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi "*ma jistax jinghad lanqas illi Dr. Yanica Barbara Sant ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz*". L-Ewwel Qorti kompliet hekk:

> Illi kien kompitu tal-Kunsill Mediku illi jara li dawn id-dokumenti pprezentati minn Dr Yanica Barbara Sant, kienux pprezentati skont ir-regolamenti mitluba mill-Kunsill Mediku, u l-istess kien il-kompitu tal-Kunsill Mediku, sabiex jirrifjuta jew jaccetta li jipprocedi fuq dokument illi m'huwiex konformi ma' dak mitlub mill-guidelines mahruga mill-istess Kunsill Mediku.
>
> Illi wiehed ma jistax ma jaghmilx referenza ukoll ghax-xhieda ta' Arthur Camilleri fejn kif indika hu stess il-Guidelines tal-Medical Council fil-verzjoni tat-2014 u dik tat-2021 kien hemm differenza fuq r-regolamenti ta' kif ghandu jigi 'lodged a formal complaint', <u>kif ukoll illi l-informazzjoni moghtija minnu stess kienet pjuttost 'inaccurate'</u> u dan johrog mill-emails mibghuta minnu lil Dr Yanica Barbara Sant, kif ukoll mix-xhieda tieghu *viva voce*

> quddiem din il-Qorti, fejn ikkonferma bil-gurament illi d-dokumenti pprezentati minn Dr Yanica Barbara Sant gew accettati fil-formatt li kienu u hadd mill-Kunsill Mediku ma vverifika jekk kienux konformi ma' dak rikjest skond il-Guidlines ta' l-istess Kunsill Mediku. [sottolinear ta' din il-Qorti]

49. L-Artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali, li fuqu qed jibbaża l-kwerela tiegħu r-rikorrenti, jgħid hekk:

> Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:
>
> Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

50. Illi għalhekk u anke fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, sabiex il-kwerela tar-rikorrenti setgħet timxi 'l quddiem, riedu jirriżultaw neċessarjament, imqar fuq bażi *prima facie,* l-elementi kollha tar-reat, inkluż illi l-kwerelata xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza sabiex tikseb xi gwadann, xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor. Jirriżulta mmedjatament kif bil-fatt illi l-kwerelata wżat il-kliem 'Affidavit' u "*niddikjara u bil-gurament tieghi nikkonferma*" fiż-żewġ dikjarazzjonijiet tagħha tal-5 ta' April 2021 u tat-13 ta' Mejju 2021 rispettivament, meta fil-fatt ma kinitx qegħda taħlef il-kontenut tal-istess dikjarazzjonijiet, hija ma kellhiex l-intenzjoni li tikseb vantaġġ jew benefiċċju għaliha jew għal ħaddieħor, meta hija kienet ġiet żgwidata fis-sens illi kien suffiċjenti illi d-dikjarazzjonijiet tagħha jiġu ffirmati minn avukat u għalhekk għaliha dan kien suffiċjenti wkoll sabiex l-ilmenti tagħha jimxu 'l quddiem fil-konfront tal-kwerelant quddiem il-Kunsill Mediku. Anzi huwa ben evidenti illi l-unika intenzjoni ta' Dr. Yanica Barbara Sant kienet illi l-ilmenti tagħha jiġu investigati u jimxu 'l quddiem u illi kienet se tagħmel dak kollu neċessarju skont ir-regoli appożiti, sabiex dan isir. Din il-Qorti tqis, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-iżball kien tal-Kunsill Mediku, u ma jistax dan l-iżball jissarraf sabiex jattribwixxi lill-kwerelata bl-element formali meħtieġ da parti

tagħha sabiex tkun tista' tiġi akkużata b'dan ir-reat, b'dan għalhekk illi fil-kuntest tal-provi mressqa, l-element formali tar-reat ma jissussistix lanqas sal-grad tal-*prima facie.*

51. Illi l-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

52. Illi f'dan il-każ japplika l-ewwel parti tal-istess artikolu appena ċitat, stante illi hawnhekk mhux il-każ ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku li abbuża l-kariga jew l-impjieg tiegħu. Għaldaqstant, il-piena ta' priġunerija applikabbli hija dik għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, li jfisser ukoll fit-termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-azzjoni hija preskritta bl-egħluq ta' sentejn. La darba jirriżulta illi Dr. Yanica Barbara Sant ippreżentat id-dikjarazzjonijiet tagħha lill-Kunsill Mediku fil-5 ta' April 2021 u fit-13 ta' Mejju 2021 rispettivament, l-azzjoni kriminali kienet preskritta sat-13 ta' Mejju 2023, b'dan għalhekk illi din il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha tkompli bl-eżerċizzju tagħha fir-rigward tar-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-liġi.

53. Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-aggravji kollha tar-rikorrenti qed jiġu miċħuda.

**DECIDE**

Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti **Dr. Karl Cutajar** tat-22 ta' Mejju 2023, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2023.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**